# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/860/PESK

## tal-1 ta' Diċembru 2014

## li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2012/173/PESK dwar l-attivazzjoni taċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE għall-missjonijiet u l-operazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u Difiża Komuni fil-Qarn tal-Afrika

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fid-9 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/725/PESK [1], li emendat u estendiet id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/173/PESK [2].

(2) F'konformità mal-eżitu tar-Rieżami taċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE, il-mandat tiegħu għandu jiġi estiż sa Diċembru 2016. Dan jippermetti wkoll li jkun hemm żmien biżżejjed biex titħejja transizzjoni tal-funzjonijiet u r-riżorsi ta' koordinazzjoni u ppjanar tiegħu lejn l-istrutturi tas-SEAE/PSDK fuq bażi permanenti, fil-kuntest tal-proċess ta' rieżami tas-SEAE li għandu jitmexxa mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ), b'kont debitu meħud tal-qafas istituzzjonali u l-proċeduri applikabbli. Wara tali transizzjoni, ma jkunx hemm ħtieġa għal estensjoni ulterjuri tal-mandat. Għalhekk, kwalunkwe entità ġdida futura fi ħdan l-istrutturi tas-SEAE/PSDK li twettaq funzjonijiet ta' appoġġ għall-koordinazzjoni u ppjanar ikollha isem differenti li jirrifletti dan ir-rwol. Fl-interim, iċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE għandu jespandi r-rwol tiegħu ta' appoġġ għall-koordinazzjoni u ppjanar fil-oqsma ċivili u militari u jassumi responsabbiltà ġeografika msaħħa għar-reġjun tas-Saħel, fil-limitu tar-riżorsi u persunal stabbilit. Kwalunkwe espansjoni ġeografika lil hinn mir-reġjun tas-Saħel tirrikjedi ftehim separat tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS).

(3) Id-Deċiżjoni 2012/173/PESK għandha għalhekk tiġi emendata u estiża skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2012/173/PESK hija emendata kif ġej:

(1) it-Titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/173/PESK tat-23 ta' Marzu 2012 dwar l-attivazzjoni taċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE għall-missjonijiet u l-operazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u Difiża Komuni fil-Qarn tal-Afrika u fir-reġjun tas-Saħel".

(2) Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Iċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE għandu jappoġġa l-missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) EUTM Somalia, EUCAP Nestor u l-operazzjoni Atalanta fil-Qarn tal-Afrika u għandu jappoġġa l-missjonijiet tal-PSDK EUTM Mali, EUCAP Sahel Niger u EUCAP Sahel Mali fir-reġjun tas-Saħel.".

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/725/PESK tad-9 ta' Diċembru 2013 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2012/173/PESK dwar l-attivazzjoni taċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE għall-missjonijiet u l-operazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u Difiża Komuni fil-Qarn tal-Afrika (ĠU L 329, 10.12.2013, p. 39).

[2] Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/173/PESK tat-23 ta' Marzu 2012 dwar l-attivazzjoni taċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE għall-missjonijiet u l-operazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u Difiża Komuni fil-Qarn tal-Afrika (ĠU L 89, 27.3.2012, p. 66).

(3) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

**Mandat u kompiti**

1. Iċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE għandu jipprovdi appoġġ fil-qasam tal-ippjanar operattiv u t-tmexxija tal-missjonijiet u l-operazzjoni tal-PSDK fil-Qarn tal-Afrika u fir-reġjun tas-Saħel bil-ħsieb li jiżdiedu l-effiċjenza, il-koerenza u s-sinerġiji għall-PSDK fiż-żewġ reġjuni. F'dan il-qafas iċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE għandu jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni, itejjeb il-koordinazzjoni u jsaħħaħ is-sinerġiji ċivili-militari.

2. Iċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin:

(a) jipprovdi appoġġ dirett lill-Kmandant tal-Operazzjonijiet Ċivili għall-ippjanar u t-tmexxija operattivi tal-missjonijiet ċivili fil-Qarn tal-Afrika u fir-reġjun tas-Saħel, billi juża l-kompetenzi militari u l-kompetenzi ta' ppjanar speċjalizzati tiegħu;

(b) jipprovdi appoġġ lill-Kmandanti tal-Missjonijiet u l-Operazzjoni militari fil-Qarn tal-Afrika u fir-reġjun tas-Saħel;

(c) jipprovdi appoġġ lid-Direttorat tal-Maniġġar ta' Kriżijiet u l-Ippjanar (CMPD), fuq talba tiegħu, fl-ippjanar strateġiku tiegħu għall-missjonijiet u l-operazzjoni tal-PSDK fil-Qarn tal-Afrika u fir-reġjun tas-Saħel;

(d) jiffaċilita l-interazzjoni bejn il-missjonijiet u l-operazzjoni tal-PSDK rispettivi u l-istrutturi bbażati fi Brussell. Fir-rigward tal-każijiet pilota 'taħriġ u tagħmir' f'Mali u s-Somalja, iċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE jista' b'mod utli jipprovdi appoġġ għal mekkaniżmu ta' koordinazzjoni funzjonali, fid-dawl tal-pjan ta' implimentazzjoni tiegħu;

(e) jiffaċilita l-koordinazzjoni u jtejjeb is-sinerġiji fost il-missjonijiet u l-operazzjoni tal-PSDK fil-Qarn tal-Afrika, fil-kuntest tal-istrateġija għall-Qarn tal-Afrika u f'kollaborazzjoni mar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Qarn tal-Afrika u l-Mibgħut Speċjali tal-Unjoni Ewropea għas-Somalja;

(f) jiffaċilita l-koordinazzjoni u jtejjeb is-sinerġiji fost il-missjonijiet tal-PSDK fir-reġjun tas-Saħel, fil-kuntest tal-Istrateġija għas-Saħel u f'kollaborazzjoni mar-RSUE.

3. L-implimentazzjoni tal-mandat u l-kompiti għandhom jiġu elaborati fi pjan ta' implimentazzjoni li għandu jiġi ppreżentat lill-KPS u jkun soġġett għal reviżjoni.".

(4) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 1a huma sostitwiti b'dan li ġej;

"1. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kap taċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-Kap taċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE għandu jkun responsabbli li jwieġeb għat-talbiet indirizzati liċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE mill-Kmandant tal-Operazzjonijiet Ċivili, il-Kmandanti tal-Operazzjoni u tal-Missjoni tal-missjonijiet tal-PSDK fil-Qarn tal-Afrika u fir-reġjun tas-Saħel u mis-CMPD. Huwa għandu jiżgura l-funzjonament korrett taċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE u jikkoordina l-użu effiċjenti tal-kapaċitajiet tiegħu. Ir-responsabbiltà finali għad-dokumenti u d-deċiżjonijiet dwar l-ippjanar operattiv dwar it-twettiq tal-missjonijiet u l-operazzjoni għandha tibqa' rispettivament tal-Kmandant tal-Operazzjonijiet Ċivili u l-Kmandanti rispettivi tal-Operazzjoni u tal-Missjoni fil-Qarn tal-Afrika u fir-reġjun tas-Saħel.";

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Fil-limiti tar-responsabbiltà tiegħu, il-Kap taċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE għandu jirrapporta regolarment lill-KPS u lill-EUMC, kif adatt.".

(5) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Iċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE għandu jkun magħmul minn persunal issekondat mill-Istati Membri u pprovdut mill-EUMS. Iċ-ċelloli rilevanti ta' kollegament u ta' appoġġ tal-missjonijiet u l-operazzjoni militari fil-Qarn tal-Afrika u fir-reġjun tas-Saħel għandhom jiġu integrati fiċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE, mingħajr preġudizzju għal-linji ta' kmand attwali.";

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"2. Ir-riżorsi umani mqiegħda għad-dispożizzjoni taċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE għandhom ikopru l-kompetenzi esperti militari kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni korretta tal-mandat u l-kompiti tiegħu abbażi ta' pjan ta' implimentazzjoni ppreżentat lill-KPS u għandhom ikunu soġġetti għall-reviżjoni regolari.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-persunal kollu għandu jirrispetta l-prinċipji ta' sigurtà u l-istandards minimi stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE (*).

(*) Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).".

(6) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 5*

**Organizzazzjoni**

Iċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE għandu jkun organizzat skont ir-responsabbiltajiet funzjonali u ġeografiċi li jikkorrispondu għar-rekwiżiti tal-missjonijiet u l-operazzjoni tal-PSDK li huwa jappoġġa.".

(7) L-Artikolu 8 jitħassar.

(8) Fl-Artikolu 9, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Hija għandha tapplika mit-23 ta' Marzu 2012 sal-31 ta' Diċembru 2016.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. LORENZIN